# L-ISTRINA 2014

Report and Statement of Income and Expenditure
by The Malta Community Chest Fund on L-Istrina 2014

The statement of income and expenditure has been audited by pwc

W.

| | Pages |
|---|---|
| Legal and administrative information | 1 - 2 |
| Rapport tas-segretarju tal-Bord tal-Malta Community Chest Fund | 3 - 8 |
| Independent auditor's report | 9 |
| Statement of income and expenditure | 10 |
| Notes to the statement of income and expenditure | 11 |

## Legal and administrative information

L-Istrina event falls under the direct responsibility of The Malta Community Chest Fund, whose registered office is situated at the President's Palace Valletta, and whose Board Members appointed as from April 2014 were the following:

| | |
|---|---|
| Chairperson | H.E. Marie-Louise Coleiro Preca |
| Deputy Chairperson | Mr Edgar Preca |
| Secretary | Mr John Camilleri |
| Treasurer | Mr Emanuel Camilleri (resigned October 2014)<br>Mr Joseph Bartolo (appointed October 2014) |
| Assistant Treasurer | Ms Maria Spiteri |
| Public Relations Officer | Ms Melissa Vella (resigned Settembru 2014)<br>Ms Maria Muscat (appointed Ottubru 2014) |
| Assistent Public Relations Officer | Mr Josef Camilleri |
| Appointed Members | Dr Andrew Azzopardi<br>Mr Remigio Bartolo<br>Mr Tonio Bonello<br>Prof. Karm Borg<br>Mr Joseph Borg Galea<br>Ms Nathalie Briffa<br>Ms Mandy Buhagiar<br>Ms Carmen Fenech<br>Ms Romina Fenech<br>Mr Joe Gerada<br>Dame Blanche Martin<br>Mr Charles Messina<br>Dr Dione Mifsud<br>Ms Susan Mulvaney<br>Ms Carmen Said (resigned November 2014)<br>Dr Antoine Vella<br>Ms Isabelle Vella<br>Ms Sonia Young<br>Mr Frank Zammit<br>Ms Claire Zammit Xuereb |
| Representative Members | Mr Victor Carachi<br>Mgr Carmelo Farrugia (resigned April 2014 and replaced by Fr Cordina who then reigned in September 2014)<br>Mr Leonid Mckay (appointed Settembru 2014)<br>Ms Connie Carabott<br>Mr Nathan Farrugia<br>Mr John Huber<br>Fr Saviour Grima<br>Ms Rita Law (resigned February 2015)<br>Ms Maria Abela (appointed February 2015)<br>Mr Ryan Mercieca<br>Mr Mauro Pace Parascandolo<br>Mr William Portelli<br>Mr Oliver Scicluna<br>Mr Mario Spiteri<br>Mr Joseph Sultana<br>Mr Edmund Tabone<br>Ms Adriana Zarb Adami<br>Ms Darleen Zerafa (resigned September 2014) |

## **Legal and administrative information** - continued

### Producers and organizers

The Malta Community Chest Fund
The Palace
Valletta, Malta

### Bankers

HSBC Bank Malta plc
Merchant Street
Valletta, Malta

Bank of Valletta plc
Republic Street
Valletta, Malta

Banif Bank (Malta) plc
Rue D'Argens
Gzira, Malta

APS Bank Ltd
Republic Street
Valletta, Malta

Lombard Bank Malta plc
Republic Street
Valletta, Malta

### Auditors

PricewaterhouseCoopers
78, Mill Street
Qormi
Malta

## Rapport tas-segretarju tal-Bord tal-Malta Community Chest Fund

Din kienet l-ewwel sena tal-Presidenza tal-E.T. Marie-Louise Coleiro Preca. Għalkemm kienu xhur ta' ħidma ġdida għal kulħadd, imma kienu xhur ta' mpenn mill-qalb. Kienu disa' xhur ta' xogħol kontinwu, ta' team dedikat, li wassalna għal riżultati pożittivi u finanzjarjament għall-ġbir ta' somma sostanzjali.

Illum nippreżentaw dan ir-rapport ta' ħidma flimkien mal-'Income and Expenditure' statement.

Il-Malta Community Chest Fund, kompliet bil-ħidma tagħha permezz tal-attivitajiet li ilhom jiġu organiżżati, kif ukoll oħrajn ġodda bħal per eżempju l-'Bike Ride' u l-'President's Ball' li ġie organiżżat ġewwa l-Ġgantija Għawdex.

A. **Festa Palazz (11 & 12 ta' Lulju 2014)** huwa l-isem ġdid li ingħata għall-attivita li diġa' kienet issir. Din l-attivita`, kkonsistiet fi stands b'artiġġjanat Malti, ikel u xorb, kant, kif ukoll attivitajiet għat-tfal. L-attivita` kienet inizzjattiva ġdida u ġiet organiżżata ġewwa San Anton u l-Kitchen Garden.

B. **L-August Moon Ball (2 ta' Awwissu 2014)** bħas-snin ta' qabel kien suċċess. Din is-sena kellna nnaqsu n-numru ta' nies li setgħu jattendu, minħabba spazju. Kull min attenda ingħata souvenir kommemorattiv. Kienet serata pjaċevoli.

C. **Il-Ballu tal-President (30 ta' Awwissu 2014)** kienet inizzjattiva ġdida u mmirata għal Għawdex. Hija serata simili tal-August Moon Ball, li ġiet organiżżata fil-post storiku tal-Ġgantija. Attendew Maltin, kif ukoll Għawdxin.

D. **Rockestra (27 & 28 ta' Settembru 2014)** din is-sena kienet imqassma fuq jumejn u nistgħu ngħidu li din l-attivita` ukoll kienet suċċess mija fil-mija. L-organiżazzjoni kienet waħda tajba ħafna. Din is-sena għall-ewwel darba is-Surmast Sigmond Mifsud introduċa kantanti ġodda mix-xena lokali. Dawn intgħażlu wara li saru l-auditions. Kien hemm ukoll mistieden kantant Malti li jgħix l-Awstralja, Nicholas Caruana. Kienu żewġ serati divertenti ħafna.

E. **Bike Ride (26 t'Ottubru 2014)** Din l-attivita` kienet waħda ġdida. Ħadu sehem numru sabiħ ta' parteċipanti bir-roti u l-muturi. Kellna anke grupp ta' bikers Sqallin li ħadu sehem. Kull min ħa sehem ingħata sticker u ħallas is-somma ta' 10 Ewro tal-parteċipazzjoni. Ir-rotta kienet minn San Anton sa Marsaxlokk u lura għal ta' Qali. Kienet suċċess u se tibqa' mniżżla fil-kalendarju tal-attivitajiet.

F. Avveniment ieħor għal din is-sena kienet il-**'Fine Arts Auction'** li saret nhar il-**21 ta' Novembru 2014**. F'din l-attivita`, diversi opri tal-arti minn diversi artisti Maltin ġew irkantati fil-Palazz San Anton. Ħajr lill-artisti Maltin li kkontribwew għal dan l-avveniment.

G. Din is-sena il-**President's Charity Fun Run (23 ta' Novembru 2014)** bit-titlu 'One Nation, One Heartbeat' kienet suċċess ieħor record, b'numru t'aktar minn sittax-il elf parteċipant. Din is-sena għall-ewwel darba, il-mixja bdiet minn tliet postijiet differenti, li kienu l-Universita` ta' Malta, b'liema mixja ġiet immexxija mill-President, minn Santa Venera, mmexxija mis-Sur Preca, kif ukoll minn Raħal Ġdid.

   Saret ukoll il-ġirja li telqet mill-Palazz San Anton. Salvatore Schillaci, personalita` magħrufa fil-World Cup tal-1990 flimkien ma' Francesco Mariottini, żeffien magħruf fil-programm 'Amici', u diversi personalitajiet lokali lkoll attendew din l-attivita`.

   Il-parteċipanti ltaqgħu lkoll il-Blata l-Bajda u rħewlha lejn pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta, fejn l-Eċċellenza Tagħha l-President irringrazzjat lill-parteċipanti u tkellmet fuq kemm hija kburija li hija Maltija. Din l-attivita` ġiet imxandra live fuq diversi stazzjonijiet lokali.

## Rapport tas-segretarju tal-Bord tal-Malta Community Chest Fund - ikompli

H. **Paqpaqli għall–Istrina.** Għal darb' oħra dan l-avveniment kien jinkludi diversi attrazzjonijiet għall-familji u sar fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta nhar is-**7 ta' Diċembru 2014**. Minkejja x-xita li għamlet wara nofs in-nhar, l-avveniment xorta ħareġ b'suċċess, b'eluf ta' nies li żaru l-ajruport għal dan il-għan.

I. Fit-**18 ta' Jannar 2015** saret **Festa Ċitru**. Għal din l-attività attendew numru sabiħ ta' nies, li waqt li kellhom il-ħin li jżuru u jduru mal-ġonna u l-Palazz innifsu kellhom iċ-ċans jixtru l-laring li jikber fl-istess ġonna, u prodotti tal-ikel magħmula mill-laring, maħduma mill-kċina tal-Palazz stess.

J. **Il-kampanja tal-BOV Piggy Bank.** Bħas-snin passati l-Bank of Valletta żamm l-impenn tiegħu u ta s-sapport billi irdoppja s-somma finali miġbura. Grazzi kbira f'din il-kampanja tmur ukoll għall-'Malta Girl Guides' flimkien ma' numru sostanzjali ta' voluntiera li ddedikaw numru ta' sigħat għal din il-kampanja. Apparti mid-diversi mpenji li ġġib magħha din l-attività, l-għajnuna ngħatat ukoll fil-preparamenti tal-piggy banks, fosthom tindif u ppakkjar. Ħajr ukoll lill-Forzi Armati ta' Malta li qassmu dawn il-kontenituri flimkien mal-voluntiera fl-iskejjel kollha ġewwa Malta u Għawdex u diversi stabbilimenti.

Wara diversi laqgħat bejn is-Sinjura Matilde Cordina min-naħa tal-Malta Community Chest Fund u s-Sinjura Anna Maria Gilson mill-Ministeru tal-Edukazzjoni tfassal pjan. Is-Sur Edgar Preca, akkumpanjat minn diversi uffiċċjali tal-Bank of Valletta żar tletin skola fejn saħaq rigward il-valur importanti li tagħti mingħajr ma tistenna xejn lura. Diversi kantanti lokali wkoll taw sehemhom waqt l-istess żjarat fl-iskejjel biex tinħoloq atmosfera ferrieħa. L-istudenti f'dawn l-iskejjel ħejjew għadd t'attivitajiet t'arti u kultura biex jippromwovu l-valuri ta' solidarjetà u mħabba.

L-uffiċċjali tal-Bank of Valletta, flimkien ma' numru ta' voluntiera ssortjaw u għaddew il-flus miġbura. Is-somma miġbura ġiet irduppjata mill-istess bank, b'liema somma ġiet ipprezentata live fl-Istrina fis-26 ta' Diċembru 2014 fil-preżenza ta' numru ta' tfal li wkoll ħadu sehem fil-programm.

K. **Il-ktieb 'Tisjir mill-Qalb'** bi 80 riċetta, minn *chefs* magħrufa Maltin, inkluż is-Sur Preca. Din is-sena dan il-ktieb kiser rekord ta' bejgħ. Inbiegħu ħmistax–il elf kopja. Il-ktieb rebaħ ukoll il-premju bħala l-aħjar ktieb fid-dinja fil-'Gourmand World Cookbook Awards', liema avveniment sar fiċ-Ċina.

L. **Solidarjetà bl-Isports.** Din l-inizjattivà tinvolvi ammont sostanzjali ta' xogħol minħabba li jipparteċipaw ħafna għaqdiet sportivi. Dawn id-diversi għaqdiet, jorganiżżaw logħob u attivitajiet sportivi, kemm lokalment, kif ukoll fuq skala nazzjonali. Il-qliegħ jgħaddi kollu, lill-Malta Community Chest Fund.

Dawn l-attivitajiet kollha jwasslu għall-ġuranata mistennija ta' jum l-Istrina li fiha jsir il-programm ta' tnax-il siegħa. Bħas-snin l-imgħoddija l-Maltin u l-Għawdxin urew sapport qawwi li jkompli jimla' l-qlub ta' dawk li qed jgħinu lil min għandu bżonn l-għajnuna. L-Istrina din is-sena kienet waħda ta' suċċess, kemm mill-aspett organiżżattiv, kif ukoll ir-riżultat aħħari li ħalla somma sostanzjali.

L-Eċċellenza Tagħha ltaqgħet ma' rekord ta' nies u entitajiet, li xi wħud taw għotjiet għall-Malta Community Chest Fund.

Il-Kunsilli Lokali, kif ukoll każini tal-baned ukoll kienu nkoraġġati biex jorganizzaw attivitajiet b'riżq l-Istrina.

## Rapport tas-segretarju tal-Bord tal-Malta Community Chest Fund - ikompli

Ta' min isemmi wkoll l-inizzjativa fejn impjegati f'Malta kif ukoll f'Għawdex ġew immħeġġa jagħtu donazzjoni mill-pagi ta' Novembru u Diċembru, wkoll b'riżq l-Istrina. Din ġiet imħeġġa wkoll mall-ħaddiema taċ-Ċivil permezz tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

F'Settembru 2014, il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca akkumpanjata minn żewġha s-Sur Edgar Preca żaru diversi pazjenti Maltin li qegħdin jiġu rekoverati f'diversi sptarijet f'Londra. Il-President żaret pazjenti Maltin fl-isptarijiet King's College Hospital, Great Ormond Street Hospital, Royal Marsden Hospital f'Sutton, University College u Moorfields Eye Hospital. Waqt dawn il-visti l-Eċċellenza Tagħha iltaqgħet ukoll mal-amministrazzjoni ta' dawn l-isptarijiet u rringrazzjathom tal-kura u l-attenzjoni li qed jipprovdu lill-pazjenti Maltin.

Waqt l-istess vista f'Londra l-Eċċellenza Tagħha ltaqgħet ukoll ma' diversi organiżazzjonijiet bil-għan li ġġib iktar informazzjoni dwar kif għandha tissaħħaħ il-kura tal-pazjenti mill-aspett mediku waqt it-trattament, kif ukoll wara. Infetħu wkoll negozjati, biex isiru servizzi estiżi illi għadhom mhumiex qed jiġu offruti fil-gżejjer tagħna, kollox relatat mal-mard. Għaddejjin ukoll taħdidiet, m'entitajiet Ingliżi, biex jinstabu aktar lokalitajiet fiċ-ċentru ta' Londra għall-pazjenti Maltin li jmorru għal servizz mediku.

L-Eċċellenza Tagħha ltaqgħet ukoll mas-'Sick Children's Trust' u r-'Royal Commonwealth Society'. Organiżazzjonijiet oħra li żaret kienu 'Save the Children International' u 'Children with Cancer UK'.

Laqgħat oħra qed isiru biex inġibu mediċina ġdida, tal-Hep C, bi probabbiltà ta' 99 fil-mija tal-fejqan. Għaddejjin negozjati biex ikollna prezz raġonevoli, fuq din il-mediċina. B'hekk jiżdied iċ-ċans li jiġu salvati ħajjiet t'iktar nies.

L-Eċċellenza Tagħha ddedikat ukoll ħin biex b'mod individwali titkellem mal-pazjenti Maltin u l-qraba tagħhom li kienu fl-appartamenti ta' Puttinu f'Sutton. Bl-istess mod żaret il-pazjenti li kienu qed jgħixu fir-residenza tas-sorijiet Franġiskani f'Londra.

Vista oħra saret lis-sorijiet Agostinjani. Waqt l-istess visti, l-Eċċellenza Tagħha semgħet l-uġigħ tal-pazjenti u l-qraba tagħhom u tathom suġġerimenti kif il-Malta Community Chest Fund tista' toffri l-assistenza tagħha.

Matul din iż-żjara f'Londra, il-President żaret ukoll il-Food Bank immexxi mill-FareShare UK. Din l-organiżazzjoni mhux governattiva jirnexxilha titma madwar tnax–il miljun perusna fis-sena permezz ta' sistema organiżżata. L-Eċċellenza Tagħha ingħatat tagħrif dwar kif il-FareShare UK tiddistribwixxi ikel lill-foqra minflok jintrema. Dan ikun ikel tajjeb għall-konsumatur.

### F'GHAWDEX

Mill-bidu tal-ħatra tal-Eċċellenza Tagħha l-President, riedet li jinfetaħ uffiċċju tal-Malta Community Chest Fund, f'Ghawdex. F'Mejju 2014 infetaħ f'Għawdex l-ewwel uffiċċju tal-MCCF li kien ġentilment misluf lilna mill-Isqof Mario Grech. F'Diċembru mxejna fl-uffiċċju li qegħdin noperaw minnu preżentament. Dan kien possibbli, bl-għajnuna tal-familja ta' Michael Grech ta' 'Michael Grech Finance', li offrew dan il-post għall-bżonnijiet tal-MCCF għal dawn l-għoxrin sena li ġejjin, mingħajr ebda hlas. Dan l-uffiċċju qed jgħin biex naqtgħu l-inkonvenjent li l-Għawdxin ikollhom jitilgħu Malta biex jibbenifikaw mis-servizz. B'hekk is-servizz għall-Ghawdxin ġie iktar faċilitat. L-uffiċċju qiegħed jitmexxa minn persuna waħda. L-uffiċċju jagħti servizz komplut, bħal dak ta' Malta. Dan l-uffiċċju iservi wkoll bħala post fejn diversi NGO's u entitajiet jistgħu jiltaqgħu.

## Rapport tas-segretarju tal-Bord tal-Malta Community Chest Fund - ikompli

***L-Istrina F'Għawdex***

Għall-ewwel darba ġiet imnehdija L-Istrina f'Għawdex u din saret fuq jumejn, fejn l-Eċċellenza Tagħha flimkien mas-Sur Preca żaru l-irħula kollha ġewwa Għawdex. Kienu mumenti sbieħ, fejn kull lokal bl-inizjattiva tal-Kunsilli Lokali rispettivi u flimkien mal-Kappillani, organizzaw attivitajiet fuq skala lokali. Ir-residenti kollha ħargu bi ħġarhom u taw laqgħa sabiħa lill-Eċċellenza Tagħha. Din il-maratona spiċċat il-Belt Victoria. Inġabret somma rekord ta' 70 elf Ewro.

Il-grupp ta' voluntiera Għawdxin, komplew jikkontribwixxu wkoll waqt l-Istrina li kienet qed issir f'Malta fis-26 ta' Diċembru 2014, billi għamlu programm sħiħ ta' ġurnata fejn komplew jiġbru aktar flus.

**Fond Għall-Għaqdiet Volontarji – Strina 2014**

Din is-sena l-istruttura għall-allokazzjonijiet tad-donazzjonijiet li nġabru fl-Istrina nbiddlet. Għal dan il-għan ġie mwaqqaf il-'Fond Għall-Għaqdiet Volontarji – Strina 2014'.

**1. L-Għanijiet**

Il-'Fond Għall-Għaqdiet Volontarji - Strina 2014' għandu tliet għanijiet:

- Jgħin fit-tisħiħ tal-ġustizzja soċjali billi jħeġġeġ ir-riflessjoni u l-azzjoni tal-volontarjat fil-qasam tas-solidarjetà u l-wens soċjali;
- Iwieżen lill-volontarjat fil-ħidma b'risq nies vulnerabbli;
- Ikattar il-koperazzjoni bejn l-għaqdiet volontarji b'risq dawk li l-aktar għandhom bżonn.

**2. L-oqsma ta' ħidma volontarja li kienu kunsidrati fis-sejħa tal-Istrina 2014**

Il-'Fond Għall-Għaqdiet Volontarji – Strina 2014' appoġġja proġetti f'dawn l-oqsma:

- *Trobbija/Tfulija/Edukazzjoni*
- *Xogħol*
- *Saħħa*
- *Faqar*
- *Diżabilità*
- *Djalogu*
- *Ekoloġija*

Ħidma li tgħin lill-bniedem jgħix f'armonija mal-ambjent naturali.

**3. Tqassim tal-flus allokati għall-proġetti**

Is-somma allokata għall-'Fond Għall-Għaqdiet Volontarji' tħabbret f'Jannar 2015, hekk kif kienet magħrufa b'mod approssimattiv is-somma miġbura nhar l-Istrina. Is-somma globali mħabbra kienet ta' €900,000. Għall-ewwel sejħa għall-proġetti soċjali (Frar 2015) ġiet allokata s-somma ta' €700,000, filwaqt li għat-tieni sejħa għall-proġetti infrastrutturali (Settembru 2015) ġiet allokata s-somma ta' €200,000. L-ewwel sejħa kellha l-għan li tiffinanzja proġetti soċjali filwaqt li t-tieni sejħa se tgħin proġetti infrastrutturali.

**Rapport tas-segretarju tal-Bord tal-Malta Community Chest Fund** - ikompli

Illum l-MCCF topera mill-Belt Valletta, u għandha grupp żgħir ta' ħaddiema, flimkien ma' grupp ta' voluntiera dedikati ħafna. Waqqafna wkoll grupp ta' professjonijsti, li hu ffurmat minn Psikologa, Terapista tal-familja u Social worker. Dawn jaraw il-każi u l-għajnuna li nagħtu tkun oltre dik l-għajnuna mitluba għax ħafna drabi dawn is-sitwazzjonijiet ikunu konsegwenza ta' problemi ħafna akbar.

L-għajnuna mogħtija kienet mqassma hekk:

- Kimoterapija speċjalizzata li mhux qiegħda fil-formularju tal-mediċina li tingħata mill-gvern. Din il-kimoterapija hija għolja ħafna, u ġieli laħqet' il fuq minn għaxart elef Ewro jew aktar fix-xahar.

- Mediċina oħra speċjalizzata li mhux qiegħda fil-formularju tal- mediċina li tingħata mill-gvern.

Din l-għajnuna tinħareġ wara li jkun hemm rakkomandazzjoni mill-ispeċjalisti tal-isptar u wara li l-każ ikun diskuss mill-bord speċjalizżat fi ħdan il-MCCF.

- Għajnuna lill-familji li akkumpanjaw lill-marid barra l-pajjiż. Dawn il-pazjenti jkollhom bżonn trattament speċjaliżżat barra minn Malta fuq rakkomandazzjoni mill-ispeċjalisti lokali. Din l-għajnuna tikkonsisti f'biljetti tal-ajru, trasport, ikel u akkomodazzjoni.

- Apparat mediku. Dan jikkonsisti f'għajnuna biex jinxtraw mobility aids, bħal wheel chairs, magħmulin speċifikament għall-persuna li għandu bżonnha, sodod motoriżżati u saqqijiet speċjali, adattazzjoni ta' karozzi għal persuni b'diżabilità, u kull xorta t'apparat mediku ieħor. F'dawn il-każijiet il-MCCF taħdem id f'id mal-Kummissjoni

- Persuni b'diżabilità, biex il-persuni jingħataw servizz ħolistiku. Ibbenifikaw 199 familja.

- Għandna numru t'apparat mediku, li jikkonsisti f'sodod speċjali, wheel chairs, hoists, li jiġu mislufa, għal perjodu li l-individwu jkollu bżonn jagħmel użu minnhom.

- Għajnuna soċjali. Din tvarja minn white goods, vouchers għall-ikel, għajnuna biex studenti jkunu jistgħu jkomplu fl-istudji tagħhom.

- Il-MCCF tgħin ukoll lill-familji li jkollhom bżonn xi għamara li l-MCCF tkun ingħatat mingħand il-pubbliku stess.

Kull applikazzjoni li tirċievi l-MCCF tkun evalwata individwalment u 'socially assessed' mill-Membri tal-Bord u minn professjonisti f'dan il-qasam biex b'hekk jiġi evitat l-abbuż mis-sistema, u biex min verament ikollu bżonn l-għajnuna joħodha mingħajr dewmien. Għall-ewwel darba ġie mwaqqaf ukoll il-Bord tal-Appell.

Żvilupp ieħor li għamlet ukoll il-MCCF huwa l-aċċess tal-applikazzjoni online għas-servizz ta' dawk li jippreferu jibgħatuha online. Saret ukoll sistema, għal kollox kompjuterizżata, biex ikollna anke aċċess aħjar għall-informazzjoni.

## **Rapport tas-segretarju tal-Bord tal-Malta Community Chest Fund** - ikompli

Irridu nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenu u qed jgħinu. Dawk li jgħinu finanzjarjament u dawk il-mijiet ta' voluntiera li jgħinu bis-sehem tagħhom fuq bordijiet varji, kumitati u biex intellgħu l-attivitajiet ta' matul is-sena. L-għaqdiet u entitajiet li minn jeddhom jorganizzaw attivitajiet anke sportivi li l-qliegħ tagħhom jgħadduh lill-MCCF. Ringrazzjament ukoll lill-mezzi tax-xandir u lill-entitajiet KPMG, PricewaterhouseCoopers u Spiteri Bailey & Co. Ringrazzjament speċjali lill-ħaddiema kollha tal-uffiċċju tal-President u mod speċjali lill-ħaddiema li jaħdmu dirett mill-uffiċċju tal-Malta Community Chest Fund. Bix-xogħol kontinwu tat-team li għandna u bl-għajnuna tagħkom kollha nistgħu nkomplu nimxu 'l quddiem. L-iskop ewlieni huwa dak li ngħinu lill-marid u l-batut, kif ukoll lill-dawk il-persuni li jkollhom bżonn xi forma t'għajnuna f'sitwazzjonijiet iebsa tal-ħajja. Grazzi kbira lil kull min b'xi mod jew ieħor għamel xi ħaġa matul din is-sena li biha seta jgħin lill-Malta Community Chest Fund.

Grazzi kbira lil kulħadd.

John Camilleri
Segretarju tal-Board
Malta Community Chest Fund

26 ta' Ottubru 2015

pwc

## Independent auditor's report

To the Board Members of The Malta Community Chest Fund

**Report on the Statement of Income and Expenditure of L-Istrina 2014**

We have audited the accounts of L-Istrina 2014 on pages 10 and 11 which comprise the statement of income and expenditure and a summary of significant accounting policies and other explanatory information.

*Responsibility for the Accounts*
The Malta Community Chest Fund is responsible for the preparation of accounts that give a true and fair view in accordance with the accounting policies as set in Note 1 and for such internal control as the Board determines is necessary to enable the preparation of accounts that are free from material misstatement, whether due to fraud or error.

*Auditor's Responsibility*
Our responsibility is to express an opinion on these accounts based on our audit. We conducted our audit in accordance with International Standards on Auditing. Those Standards require that we comply with ethical requirements and plan and perform the audit to obtain reasonable assurance whether the accounts are free of material misstatement.

An audit involves performing procedures to obtain audit evidence about the amounts and disclosures in the accounts. The procedures selected depend on the auditor's judgment, including the assessment of the risks of material misstatement of the accounts, whether due to fraud or error. In making those risk assessments, the auditor considers internal control relevant to the preparation of the accounts that give a true and fair view in order to design audit procedures that are appropriate in the circumstances, but not for the purpose of expressing an opinion on the effectiveness of the internal control. An audit also includes evaluating the appropriateness of accounting policies used and the reasonableness of accounting estimates made by the Board, as well as evaluating the overall presentation of the accounts.

We believe that the audit evidence we have obtained is sufficient and appropriate to provide a basis for our audit opinion.

*Opinion*
In our opinion, the accounts give a true and fair view of the income and expenditure of L-Istrina 2014 in accordance with the accounting policies described in Note 1.

**PricewaterhouseCoopers**

78 Mill Street
Qormi
Malta

Stefan Bonello
Partner

26 October 2015

*a) The maintenance and integrity of The Malta Community Chest Fund website is the responsibility of its board members; the work carried out by the auditors does not involve consideration of these matters and, accordingly, the auditors accept no responsibility for any changes that may have occurred to the Accounts since they were initially presented on the website.*
*b) Legislation in Malta governing the preparation and dissemination of financial statements may differ from legislation in other jurisdictions.*

## Statement of income and expenditure

| | Notes | **2014** | 2013 |
|---|---|---|---|
| | | **€** | € |
| Income | 2 | **3,652,472** | 3,459,841 |
| Expenditure | 3 | **(518,560)** | (305,104) |
| **Surplus of income over expenditure** | | **3,133,912** | 3,154,737 |

John Camilleri
Secretary
The Malta Community Chest Fund

Joseph Bartolo
Treasurer
The Malta Community Chest Fund

26 October 2015

## Notes to the statement of income and expenditure

### 1. Accounting policies

The principal accounting policies adopted in the preparation of the statement of income and expenditure, are set out below.

Income

Income, which is accounted for on a cash basis, comprises funds received by way of donations during L-Istrina telethon programme and other L-Istrina related activities and funds raised from the sale of donated goods.

Expenditure

The costs incurred by L-Istrina event in raising funds for the charitable work are accounted for on a cash basis.

Volunteer time and services provided free of charge are not included in these accounts.

Taxation

No provision is made in the accounts for income tax as The Malta Community Chest Fund, the organiser of L-Istrina, is recognised as a philanthropic organisation and is exempt from tax.

### 2. Income

Income represents funds received by way of donations during L-Istrina events, which include €922,066 (2013: €810,287) raised from telephone and SMS donations during the telethon programme.

### 3. Expenditure

| | **2014** | 2013 |
|---|---|---|
| | **€** | € |
| Advertising and public relations | **57,999** | 14,295 |
| Cost of production and broadcasting of events, including sound and light expenses, set and props | **323,093** | 226,796 |
| Printing and banners | **113,005** | 19,609 |
| Other expenses | **24,463** | 44,404 |
| | **518,560** | 305,104 |

Certain expense items for the current year, disclosed in the table above, are higher than the preceding year, in view of more events organised by The Malta Community Chest Fund in support of L-Istrina.